Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,719, 11 ta' Diċembru, 1998
Taqsima B

A.L. 259 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Imġieba waqt l-Eżamijiet, 1997

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Imġieba waqt l-Eżamijiet, 1997 u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Imġieba waqt l-Eżamijiet, 1997, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Mejju 1995 'il quddiem.

Emenda għall-paragrafu (a) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (a) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(a) jtella quddiemu l-istudent li kontrieh qed isir l-ilment fit-termini tar-regolament 1 imsemmi hawn fuq;"